MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 707/2010

**MBL Shipping Agency Limited – C36870**

**vs**

**JDS Furniture Limited – C15710**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-socjeta' attrici (Shipping Agency) qed titlob, minghand is-socjeta' konvenuta s-somma bilancjali ta' elf, mitejn tmienja u ghoxrin Ewro disgha u tmenin centezmi (€1,248.89c) *demurrage charges* (Dok A1) ghar-rigward tal-*container* LTIU 6014248 li hi garret lis-socjeta' konvenuta. Dan wasal Malta fl-20 ta' Novembru 2008 u baqa d-Depot sat-13 ta' Jannar 2009. Mitluba thallas dan il-bilanc fil-5 ta' Frar 2009 (Dok B) u mill-gdid b'ittra tat-18 ta' Gunju 2009 (Dok C) is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjes, kif mitluba bl-AVVIZ.

**Ra**, r-RISPOSTA tas-socjeta' konvenuta li eccipiet kif gej:-

1. Preliminarjament, dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni biex jisma u jiddeciedi t-talba billi l-polza ta' karigu tipprovdi espressament li kwalunkwe kwistjoni relattiva ghall-istess ghandha tinstema' u tigi deciza mill-High Court of England.
2. Minghajr pregudizzju, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi michuda.

3. F'kull kaz, it-talba attrici hija nfondata fil-konfront tal-eccipjenti li m'ghandha taghmel tajjeb ghal ebda hlas ta' *demurrage*.

4. F'kull kaz wkoll, l-eccepjenti ma tahtix ghad-dewmien fil-konsenja tal-*container* in kwistjoni

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Ra** esibiti l-"bill of lading", id-"delivery order" u n-"Notice of Arrival" (*a fol* 19 *et seq*) esibiti mis-socjeta' attrici.

II PROVI

1. **<u>Claire Debattista</u>** kienet *front executive officer* tas-socjeta' attrici. Meta wasal ix-xoghol ippruvat tavza dan lis-socjeta' konvenuta permezz ta' email li izda ma bdietx tghaddi. Cemlitilhom, tawha email address u baghtet l-avviz hemm u ma giex lura. Kif jigri s-soltu assumiet li l-email waslet. Meta ghadda xahar u ma gewx jigbru x-xoghol regghet cemplet u qalulha li qatt ma kienet waslet in-*notice of arrival.*

2. Ziedet li billi ghaddew aktar minn ghaxart ijiem minn meta waslet il-konsenja bdew jghaddu l-ispejjes minhabba nuqqas ta' rtirar tal-merkanzija cioe *demurrage* u dawn jammontaw ghal €1,248.89c.

3. In kontro-ezami qalet li ma tiftakarx lil min kellmet meta cemplet u qaltilhom li l-fax ma bdietx tghaddi. Ma

kienx hemm *contact person* specifiku minn naha tas-socjeta' konvenuta. Hu rari hafna li klijent ma jigix jigbor il-merkanzija u allura hi ma segwietx jekk effettivament il-konvenut kienx gabar il-merkanzija wara li baghtet in-"notice of arrival". Meta regghet ikkuntattjathom wara xahar, ma tafx lil min kellmet u gharrafha li qatt ma wasal l-avviz imsemmi.

4. **<u>Jennifer Xuereb Sammut</u>** li tahdem fil-"front office" tas-soceta' konvenuta qalet li bhas-soltu, il-konsenja minn Tumac Lumber fl-Istati Uniti giet ordnata permezz ta' certu Serge li jkellem lil John Sammut, Direttur tas-socjeta' konvenuta. Tumac Lumber jiehdu hsieb ta' kollox u huma jhottu l-*container* meta jasal Malta. Hi ma taf b'ebda komunikazzjoni mis-socjeta' attrici qabel it-telefonata tat-22 ta' Dicembru 2008 minghand Claire Debattista u ma taf b'ebda email jew fax qabel. Qalet: ahna konna qed nistennew dan il-*container* jigifieri kieku b'xi mod kellna kommunikazzjoni rigwardanti dan il-*container* tal-injam ahna konna naraw x'ghandna naghmlu biex immorru ghalih ghax kellna bzonnu.

5. Huma ghandhom in-numru tat-telefon u linja ta' fax u internet. Il-konsenja ghalihom kienet urgenti minhabba l-qrubija tal-Milied. Meta rceviet it-telefonata li semmiet, mill-ewwel ikkuntattjat lill-bank u lill-burdnar. Il-*container* hareg aktarx fit-23 ta' Dicembru (skond l-*invoice* tal-burdnar) u gie mill-ewwel fil-fabbrika taghhom. In segwitu saret it-talba ghall-flus ghax ma rtirawx il-merkanzija qabel mill-Port Hieles u huma rrispondew bid-Dok JXS *a fol* 73 fejn cahdu li kellhom ihallsu tad-dewmien. Il-kumpanija kienet hallset €232.94c ta' *demurrage* bhala deposit.

6. In kontro-ezami qalet li huma ma kienux jafu ma liema *shipper* kien gej ix-xoghol. Tant, li kkomunikaw ma Bianchi, li qabel kienu gabulhom xi xoghol u dawn qalulhom li din id-darba ma kienux huma. Huma ma jkollhomx kuntatt dirett mas-*supplier*. Saret taf bl-*Ever Green Line* wara, probabilment mill-*bill of lading*.

III KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL

1. Iqis fl-ewwel lok l-eccezzjoni dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta u dan ghar-raguni sollevata fir-RISPOSTA.

2. Din l-eccezzjoni mhiex gdida ghall-Qrati taghna u l-gurisprudenza hi tista tghid uniformi. Hi fis-sens li l-Qrati taghna huma vestiti bil-gurisprudenza meta ghadd ta' fatturi juru li jkun aktar xieraq li l-kawza tinstama Malta u dana fl-interess tal-Gustizzja.

3. Fil-kaz prezenti ghandna:

a) Bhala kontendenti, zewg socjetajiet Maltin
b) Il-*container* involut fil-kawza wasal fil-Port Hieles ta' Malta.
c) Kull dewmien fl-irtirar tal-*container* da parti tas-socjeta' konvenuta sehh f'Malta.
d) Ix-xhieda kollha jinsabu f'Malta u dawn instemghu *viva voce* f'Malta u kull kontroll ta' telefonati, emails u fax sata jsir ahjar f'Malta.
e) Hu kaz ta' obligazzjoni li eventwalment tkun trid titwettaq f'Malta

4. Ghalhekk meta jqis kollox, it-TRIBUNAL ihoss li ghandu jipprocedi bil-konsiderazzoni tal-mertu tal-kaz u f'dan is-sens jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta (ara fost ohrajn PA/1036/1995/JRM Leslie Cascun noe vs Godwin Abela noe et, 07.X.2004; PA/898/98/RCP R von Brockdorff Agency Ltd noe et vs Mediterranean Shipping Co M.S.C. (Malta) Ltd et, 29.V.2001; Kumm *per* Imh JD Camilleri Noel Ellul noe vs Jos Bowman noe et)

5. Dwar il-mertu, irrizulta li l-merkanzija, cioe il-*container* wasal Malta fl-20 ta' Novembru 2008 u dan, skond ix-xhieda ta' Jennifer Xuereb Sammut, tal-*front office* tal-kumpanija konvenuta, gie rtirat mill-Port Hieles fit-23 ta' Dicembru 2008. Dan skond ma jirrizulta mill-*invoice* tal-burdnar, ghalkemm effettivament ix-xoghol

dahal ghand is-socjeta' konvenuta fid-29 ta' Dicembru 2008.

6. Issa l-mistoqsija hi din: min kellu jgharraf lis-socjeta' konvenuta bil-waslieet tal-merkanzija? Indubbjament dan kien dmir is-socjeta' attrici. Jennifer Xuereb Sammut qalet li huma anqas kienu jafu fuq liema bastiment kien gej il-*container* u li huma qatt ma kellhom kuntatt dirett mas-*supplier*.

7. Kien imiss lis-socjeta' attrici li tipprova dak li allegat, jigifieri li s-socjeta' konvenuta kienet tahti ghad-dewmien involut. Fil-fehma tat-TRIBUNAL dan is-socjeta' attrici ma ghamlitux, anke jekk wiehed iwiezen il-provi fuq bazi ta' probabiltajiet stante li hawn qeghdin *in civilbus.*

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL

Meqjus dak kollu hawn fuq imfisser (1) jichad l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata socjeta' konvenuta, (2) jichad it-talba attrici u, fic-cirkostanzi (3) spejjes jibqghu minghajr taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------